II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/267

tat-8 ta' Frar 2023

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss ikel ġdid awtorizzat u elenkat fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni. Abbażi tad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, ikel tradizzjonali minn pajjiż terz jitqies bħala ikel ġdid.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.

(3) Fit-28 ta' Marzu 2019, il-kumpanija DOMENICODELUCIA SPA ("l-applikant") ressqet notifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant talab li l-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. jiġi kkunsmat bħala tali mill-popolazzjoni ġenerali.

(4) In-notifika tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. B'mod partikolari, id-*data* ppreżentata mill-applikant turi li l-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. għandu storja ta' użu sikur bħala ikel fil-Filippini.

(5) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet in-notifika valida lill-Istati Membri u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(6) Ma tressqux oġġezzjonijiet debitament motivati b'rabta mas-sikurezza għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ikel inkwistjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-Awtorità fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

(7) Fit-13 ta' Mejju 2022, l-Awtorità ppubblikat ir-Rapport Tekniku tagħha dwar in-notifika tal-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz ([3]). F'dak ir-rapport, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* disponibbli dwar il-kompożizzjoni u l-istorja tal-użu mitlub tal-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. ma tqajjimx tħassib dwar is-sikurezza.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tawtorizza t-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz u taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid skont dan.

(9) Fir-rapport tagħha, l-Awtorità nnutat ukoll fuq il-bażi ta' evidenza ppubblikata limitata dwar l-allerġija tal-ikel relatata mal-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl., li jistgħu jkunu mistennija reazzjonijiet allerġiċi wara l-konsum tal-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. B'mod partikolari, l-istudji wrew reattività *in vitro* inkroċjata tal-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. mal-ġewż tal-anakardju u mal-ġewż tal-Indja. Huwa importanti li l-informazzjoni dwar il-preżenza ta' ikel li jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi tingħata b'mod ċar biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati li jkunu sikuri għalihom. Għalhekk, jixraq li l-ġewż tal-*Canarium ovatum* Engl. li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi jkun ittikkettat b'mod xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(10) Il-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. jenħtieġ li jiġi inkluż bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. huwa awtorizzat li jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

Il-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. għandu jiġi inkluż bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) *EFSA Supporting publication* 2022:EN-7314.

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat):

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet fejn jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar speċifiku	Rekwiżiti oħra
"Ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl.	*Kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi*	1. Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'Ġewż tal-*Canarium ovatum*' u/jew 'Ġewż tal-Pili' u/jew 'Ġewż tal-Pili (*Canarium ovatum*)'. 2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom il-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. għandu jkollu stqarrija li l-ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl. jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi lill-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-ġewż tal-anakardju u għall-ġewż tal-Indja. Din id-dikjarazzjoni għandha tidher qrib ħafna tal-lista tal-ingredjenti jew, fin-nuqqas ta' lista tal-ingredjenti, qrib ħafna ta' isem l-ikel."	
	Mhux speċifikat			

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet):

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
"Ġewż imnixxef tal-*Canarium ovatum* Engl.	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel tradizzjonali jikkonsisti mill-ġewż imnixxef mhux inkaljat tal-*Canarium ovatum* Engl. (familja: Burseraceae) komunement magħrufa bħala ġewż tal-Pili. Il-ġewż tal-Pili jiġi prodott biss minn pjanti tal-*Canarium ovatum* engl. tal-varjetajiet Laysa, Magnaye, M. Orolfo, Lanuza u Magayon u jista' jitqiegħed fis-suq bil-qoxra jew mingħajrha. Il-parti li tittiekel tal-ġewża hija l-qalba. **Firxa tipika ta' kompożizzjoni:** Xaħam: 57-73 % Proteini: 11-15 % Ilma: 1-5 % Karboidrati: 8-16,5 % Irmied: 2,8-3,4 % **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Moffa u ħmira: ≤ 100 CFU/g Għadd totali tal-kolonja f'temperatura ta' 30 °C: ≤ 10 000 CFU/g Koliformi: ≤ 100 CFU/g *Escherichia coli*: ≤ 10 CFU/g

	Staphylococcus aureus: Assenza f'25 g *Salmonella* spp.: Assenza f'25 g *Listeria monocytogenes*: Assenza f'25 g Anaerobi li jnaqqsu s-sulfit: ≤ 10 UJK/g CFU: Colony Forming Units (Unitajiet li jiffurmaw kolonji)"